MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 76/1996/1

John Bezzina .

vs

Enemalta Corporation .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' tliet mija, sitta u erbghin lira u centezmu (Lm346.01), rapprezentanti danni minnek ikkagunati fi proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici f'Our Lady of Sorrows Street, Marsalforn, Ghawdex, fil-5 ta' Jannar, 1994 .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali ta' Marzu 1995 u kif ukoll ta' Settembru 1996 oltre ghall-imghax legali minn notifika ta' l-ewwel ittra sa l-effettiv pagament kontra tieghek ingunt personalment ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili .
2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi l-konvenut ma arreka ebda hsara fil-proprjeta’ tal-Korporazzjoni Enemalta .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal taghha tat-2 ta’ Lulju 2004 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza .

Semghet it-trattazzjoni tal-legali tal-Korporazzjoni attrici .

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-korporazzjoni attrici qed titlob minghand il-konvenut il-hlas tad-danni ghall-hsarat allegatament ikkagunati minnu fuq *cables* tad-dawl proprjeta' taghha waqt illi l-istess konvenut kien qed jesegwixxi xoghlijiet ta' skavar fil-fond tieghu f'Marsalforn . Ghal din it-talba l-konvenut eccepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili . Dan l-artikolu jistipula illi l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat, bhal ma jista' jinghad illi ghandna fil-kaz in ezami, taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn .

L-incident mertu ta' din il-kawza gara, kif gie dikjarat f'dan l-Avviz, fil-5 ta' Jannar 1994 . Il-kawza prezenti giet intavolata fl-10 ta' Dicembru 1996 u ghalhekk aktar mis-sentejn imsemmija mil-ligi u applikabbli ghal kaz bhal dan . Jenhtieg ghalhekk illi biex tigi respinta din l-eccezzjoni, irid jigi ppruvat illi l-preskrizzjoni giet interrotta b'att

gudizzjarju a tenur ta' l-artikolu 2128 (Kap. 16) . Il-korporazzjoni attrici tghid fl-istess avviz illi gew pprezentati zewg ittri ufficcjali kontra l-konvenut, wahda f'Marzu 1995 u ohra f'Settembru 1996 . Imma kopji formali ta' dawn l-ittri, sabiex issir il-prova li din il-preskrizzjoni giet effettivament interrotta baqghu qatt ma gew prodotti . Jirrizulta biss mill-atti processwali illi kienet giet ipprezentata ittra ufficcjali wahda fil-5 ta' Ottubru 1996 (a fol. 51 tal-process) . Imma din dahlet tard wisq biex tinterrompi l-preskrizzjoni, kif jidher illi jammetti l-avukat ta' l-istess korporazzjoni f'notament li ghamel fuq kopja ta' din l-ittra (a fol. 52) .

Billi ghalhekk ma jirrizultax sodisfacentement illi din il-preskrizzjoni li lahqet ghaddiet a favur tal-konvenut qatt giet interrotta fil-hin, tiddecidi billi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, u tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-korporazzjoni attrici .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------